



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0294(NLE)

---

---

15610/25  
ADD 2

ACP 120  
WTO 115  
COAFR 325  
RELEX 1519

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-FSE STABBILIT BIL-FTEHIM TA' SFIUBIJA EKONOMIKA BEJN L-UNJONI EWROPEA, MIN-NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-KENJA, MEMBRU TAL-KOMUNITÀ TAL-AFRIKA TAL-LVANT, MIN-NAĦA L-OĦRA dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../... TAL-KUNSILL  
TAL-FSE STABBILIT BIL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA  
BEJN L-UNJONI EWROPEA, MIN-NAĦA WAĦDA,  
U R-REPUBBLIKA TAL-KENJA,  
MEMBRU TAL-KOMUNITÀ TAL-AFRIKA TAL-LVANT, MIN-NAĦA L-OĦRA**

**ta' ...**

**dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE**

IL-KUNSILL TAL-FSE,

Billi:

- (1) L-Artikolu 108 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) stabbilixxa l-Kumitat Konsultattiv tal-FSE bil-kompitu li jassisti lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tas-settur privat, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluża l-komunità akkademika, u s-sħab soċjali u ekonomiċi, dwar il-kwistjonijiet kollha koperti mill-Ftehim.
- (2) L-Artikolu 108(2) tal-Ftehim jipprevedi li “l-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE għandha tkun deċiża mill-Kunsill tal-FSE, fuq rakkomandazzjonijiet mingħand il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, biex tkun żgurata rappreżentazzjoni wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati kollha.
- (3) Filwaqt li jikkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Il-Kumitat Konsultattiv tal-FSE (il-“Kumitat”) għandu jinkludi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili magħżula mill-Kunsill tal-FSE f’konformità mal-Artikolu 2.

## *Artikolu 2*

1. Il-Kumitat għandu jinkludi membri tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi stabbiliti minn kull Parti tal-Ftehim.
2. Kull Parti għandha tipproponi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex tiżgura rappreżentanza adegwata u bbilanċjata tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rispettivi.
3. F’konformità mal-Artikolu 15 tal-Anness V tal-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li għandu jkun hemm rappreżentanza bbilanċjata ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozji u tal-konsumaturi kif ukoll trade unions attivi fi kwistjonijiet ekonomiċi, ta’ żvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u oħrajn.

4. Ir-rappreżentanti magħżula għandhom iservu għad-durata tas-sħubija tagħhom fil-Grupp Konsultattiv Domestiku rispettiv. Għandhom jiġu żgurati l-għarfien espert rilevanti u r-rappreżentanza settorjali wiesgħa.
5. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, “organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili” tinkludi istituzzjonijiet, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet, gruppi ta' promozzjoni u entitajiet oħra ta' natura mhux governattiva li ma għandhomx skop ta' qligħ u li huma kapaċi jipprovdu pariri jew jikkontribwixxu informazzjoni speċjalizzata dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim, kif ukoll rappreżentanti tal-komunità akkademika.

### *Artikolu 3*

1. Il-Kunsill tal-FSE għandu jiddiskuti u japprova malajr iż-żewġ listi tal-membri permanenti, waħda proposta mir-Repubblika tal-Kenja u l-oħra mill-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kunsill tal-FSE jista' jimmodifika jew jikkonsolida ż-żewġ listi tal-membri tal-Kumitat meta jkun meħtieġ.
3. Kwalunkwe post vakanti fil-Kumitat ma għandux jinvalida l-kostituzzjoni tal-Kumitat jew inaqas id-dritt tal-membri li jifdal milli jaġixxu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-addożżjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill tal-FSE*

*Il-Kopresidenti*

---